Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

P9_TA(2021)0314

Is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa (2020/2215(INI))

(2022/C 81/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 6 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) tal-1994 li saret fil-Kajr, il-Programm ta' Azzjoni tagħha, u l-konklużjonijiet tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Nairobi tal-1 ta' Novembru 2019 dwar l-ICPD25 bit-titolu "Accelerating the Promise", kif ukoll l-impenji u l-azzjonijiet kollaborattivi nazzjonali u dawk tas-sħab li ġew iddikjarati fis-Summit ta' Nairobi,

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-konklużjonijiet tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li ġiet adottata fil-25 ta' Settembru 2015 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, u b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 3, 5 u 16 u l-indikaturi relatati,

— wara li kkunsidra l-Contraception Atlases tal-2017, l-2018, l-2019 u l-2020, li jikklassifikaw l-aċċess għall-kontraċezzjoni fl-Ewropa ġeografika u jenfasizzaw l-inugwaljanzi madwar il-kontinent u li fil-parti l-kbira ma ngħatax każ tal-fatt li l-ħtieġa għall-kontraċezzjoni f'ċerti partijiet tal-Ewropa ma ġietx issodisfata,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tat-18 ta' Diċembru 1979, u r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali Nru 21 (1994), Nru 24 (1999), Nru 28 (2010), Nru 33 (2015) u Nru 35 (2017) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tat-3 ta' Mejju 2008,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP) III: aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE (JOIN(2020)0017),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-projbizzjoni *de facto* tad-dritt tal-abort fil-Polonja ([1]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kumitat CEDAW tat-28 ta' Frar 2020 fil-kawża S.F.M. v. Spanja,

([1]) Testi adottati, P9_TA(2020)0336.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Ugwaljanza u n-Nondiskriminazzjoni tal-25 ta' Settembru 2017 dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra l-persuni intersesswali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Ugwaljanza u n-Nondiskriminazzjoni tat-2 ta' April 2015 dwar id-diskriminazzjoni kontra persuni transġeneru fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2019 dwar id-drittijiet tal-persuni intersesswali ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tat-22 ta' Novembru 2019 bit-titolu "Beijing + 25: the fifth review of the implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States",

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għas-Saħħa Sesswali u Riproduttiva: Lejn it-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-Ewropa – ħadd ma jitħalla jibqa' lura, li għandu tliet għanijiet interkonnessi mill-qrib: "Li l-persuni kollha jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom u jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem tagħhom jiġu rispettati, protetti u ssodisfati", "Li jiġi żgurat li l-persuni kollha jistgħu jgawdu l-ogħla standard possibbli ta' saħħa u benesseri sesswali u riproduttivi", u "Li jiġi ggarantit aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u jiġu eliminati l-inugwaljanzi",

— wara li kkunsidra r-rapport tan-Network Ewropew tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Paternità Ppjanata (IPPF EN) u taċ-Ċentru Federali għall-Edukazzjoni tas-Saħħa (BZgA) bit-titolu "Sexuality Education in Europe and Central Asia: State of the Art and Recent Developments",

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ tas-Sħab tal-IPPF EN: Il-Leġiżlazzjoni dwar l-Abort u l-Implimentazzjoni tagħha fl-Ewropa u fl-Asja Ċentrali,

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "The gendered impact of the COVID-19 crisis and post-crisis", ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għall-Politiki Interni fit-30 ta' Settembru 2020 ([4]),

— wara li kkunsidra l-policy brief ta' UN Women tad-9 ta' April 2020 bit-titolu "The Impact of COVID-19 on Women",

— wara li kkunsidra r-rapport tan-NU tat-23 ta' April 2020 bit-titolu "COVID-19 and Human Rights: We are all in this together",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni (UNFPA) tas-27 ta' April 2020 bit-titolu "Impact of the COVID-19 Pandemic on Family Planning and Ending Gender-based Violence, Female Genital Mutilation and Child Marriage",

([2]) ĠU C 449, 23.12.2020, p. 142.
([3]) ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1.
([4]) Studju – "The gendered impact of the COVID-19 crisis and post-crisis" – Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 30 ta' Settembru 2020.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UNFPA tat-28 ta' April 2020 bit-titolu "Millions more cases of violence, child marriage, female genital mutilation, unintended pregnancy expected due to the COVID-19 pandemic",

— wara li kkunsidra l-policy brief tal-Lobby Ewropew tan-Nisa bit-titolu "Women must not pay the price for COVID-19!",

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Professoressa Sabine Oertelt-Prigione bit-titolu "The impact of sex and gender in the COVID-19 pandemic", ippubblikat fis-27 ta' Mejju 2020,

— wara li kkunsidra l-gwida tad-WHO bit-titolu "Safe abortion: technical and policy guidance for health systems",

— wara li kkunsidra l-"Global strategy to accelerate the elimination of cervical cancer as a public health problem" tad-WHO,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2020 dwar l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ([5]),

— wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-Forum Parlamentari Ewropew għad-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi (EPF) u tal-IPPF EN tat-22 ta' April 2020 bit-titolu "Sexual and Reproductive Health and Rights during the COVID-19 pandemic",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-kumment ġenerali Nru 22 tal-Kumitat għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tan-NU tat-2 ta' Mejju 2016 dwar id-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 7, 17 u 26 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-kumment ġenerali Nru 36 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-30 ta' Ottubru 2018 dwar l-Artikolu 6 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, dwar id-dritt għall-ħajja,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-3 ta' Awwissu 2011 dwar id-dritt ta' kulħadd li jgawdi l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tal-4 ta' April 2016 dwar id-dritt ta' kulħadd li jgawdi l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali,

— wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-Vjolenza Kontra n-Nisa, il-Kawżi u l-Konsegwenzi tagħha, inkluż ir-rapport tal-11 ta' Lulju 2019 dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-trattament ħażin u l-vjolenza kontra n-nisa fis-servizzi tas-saħħa riproduttiva b'enfasi fuq il-vjolenza waqt il-ħlas u l-vjolenza ostetrika,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-WHO tal-2015 dwar il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tan-nuqqas ta' rispett u tal-abbuż waqt il-ħlas,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ugwaljanza u n-Nondiskriminazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tas-16 ta' Settembru 2019 dwar il-vjolenza ostetrika u ġinekoloġika,

([5]) Testi adottati, P9_TA(2020)0307.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU tat-8 ta' April 2016 dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika, ippreżentat fit-32 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra t-Taqsima II tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika,

— wara li kkunsidra t-Taqsima III tar-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU tat-8 ta' April 2016 dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika,

— wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tal-10 ta' Jannar 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([8]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, u l-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Novembru 2018 bit-titolu "Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp: Id-dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Futur Tagħna", li fiha l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq, u li jiddeċiedi b'mod liberu u responsabbli dwar kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-edukazzjoni sesswali fil-Polonja ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka dwar is-saħħa mentali u dik klinika ([11]),

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2003 dwar l-iskrinjar għall-kanċer ([12]),

— wara li kkunsidra l-linji gwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-iskrinjar tal-kanċer ċervikali tas-7 ta' Mejju 2008 u l-linji gwida Ewropej għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-iskrinjar u d-dijanjożi tal-kanċer tas-sider tat-12 ta' April 2006,

— wara li kkunsidra d-Dokument tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Diċembru 2017 dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa fl-Ewropa,

([6]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([7]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.
([8]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
([9]) ĠU C 208, 1.6.2021, p. 24.
([10]) ĠU C 449, 23.12.2020, p. 102.
([11]) ĠU C 252, 18.7.2018, p. 99.
([12]) ĠU L 327, 16.12.2003, p. 34.

— wara li kkunsidra l-Istrateġija 2017-2021 tad-WHO dwar is-saħħa u l-benesseri tan-nisa fir-Reġjun Ewropew tad-WHO u l-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva: lejn it-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-Ewropa – ħadd ma jitħalla jibqa' lura,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali tad-WHO għas-Saħħa tan-Nisa, tat-Tfal u tal-Adolexxenti 2016-2030,

— wara li kkunsidra l-istandards tal-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa u l-BZgA għall-edukazzjoni dwar is-sesswalità fl-Ewropa: qafas għal dawk li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet edukattivi u tas-saħħa u l-ispeċjalisti, u għall-gwida teknika internazzjonali tal-UNESCO dwar l-edukazzjoni dwar is-sesswalità: approċċ ibbażat fuq l-evidenza,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-30 ta' Marzu 2009 dwar l-ilment kollettiv Nru 45/2007 miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Protezzjoni Legali tad-Drittijiet tal-Bniedem (INTERIGHTS) vs il-Kroazja u l-kumment ġenerali Nru 15 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tas-17 ta' April 2013 dwar id-dritt tat-tfal għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq (l-Artikolu 24), li jenfasizza li l-adolexxenti għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni xierqa u oġġettiva dwar kwistjonijiet sesswali u riproduttivi,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni dwar l-Istat tal-Popolazzjoni Dinjija tal-2019 bit-titolu "Unfinished Business: the pursuit of rights and choices FOR ALL",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0169/2021),

A. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva) hija stat ta' benesseri fiżiku, emozzjonali, mentali u soċjali fir-rigward tal-aspetti kollha tas-sesswalità u r-riproduzzjoni, mhux sempliċement in-nuqqas ta' disfunzjoni, in-nuqqas ta' saħħa jew il-mortalità, u billi l-individwi kollha għandhom dritt li jieħdu deċiżjonijiet dwar ġisimhom ([13]), mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza, u li jaċċessaw servizzi SRH li jappoġġaw dak id-dritt u jieħdu approċċ pożittiv għas-sesswalità u r-riproduzzjoni, peress li s-sesswalità hija parti integrali mill-eżistenza tal-bniedem;

B. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma, skont id-WHO, terminu umbrella għal diversi kwistjonijiet li jaffettwaw lill-persuni kollha u jirrappreżentaw erba' oqsma separati: is-saħħa sesswali, id-drittijiet sesswali, is-saħħa riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi, u huma bbażati fuq id-drittijiet tal-individwi kollha li l-integrità fiżika, il-privatezza u l-awtonomija personali tagħhom jiġu rispettati; li l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tagħhom jiġu rispettati bis-sħiħ; li jiddeċiedu jekk, ma' min u meta jkunu attivi sesswalment; li jkollhom esperjenzi sesswali sikuri, li jiddeċiedu jekk, meta u lil min jiżżewġu, jekk u b'liema mezzi jkollhom wild jew ulied, u kemm ikollhom ulied; li jkollhom aċċess matul ħajjithom kollha għall-informazzjoni, ir-riżorsi, is-servizzi u l-appoġġ meħtieġa biex jinkisbu dawn kollha ta' hawn fuq mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni, sfruttament u vjolenza;

C. billi d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma protetti bħala drittijiet tal-bniedem fid-dritt internazzjonali u Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem bħal fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, CEDAW u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jikkostitwixxu element essenzjali tal-għoti komprensiv tal-kura tas-saħħa; billi d-drittijiet tas-saħħa, b'mod partikolari d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva, huma drittijiet fundamentali tan-nisa li għandhom jissaħħu u ma jistgħu jiddgħajfu jew jiġu rtirati b'ebda mod; billi t-twettiq tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa element essenzjali tad-dinjità tal-bniedem u huwa intrinsikament marbut mal-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi l-ġisem ta' persuna, l-għażla tagħha, u għaldaqstant l-awtonomija sħiħa tagħha, huma dak li għandu jiġi ggarantit;

([13]) Guttmacher-Lancet Commission, Executive Summary on sexual and reproductive health and rights, The Lancet, London, 2018, https://www.guttmacher.org/guttmacher-lancet-commission/accelerate-progress-executive-summary

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

D. billi l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza diretta biex taġixxi fl-avvanz tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-azzjoni esterna; billi l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenza diretta biex taġixxi fl-avvanz tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-Unjoni iżda l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sseħħ permezz tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni; billi l-Unjoni Ewropea tistieden, tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri fl-avvanz tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għal kulħadd;

E. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija mifruxa u ġiet aggravata mill-pandemija tal-COVID-19; billi huwa stmat li 25 % tan-nisa jesperjenzaw xi forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru f'ħajjithom u għadd kbir ta' nisa jesperjenzaw attakk u fastidju sesswali fil-kuntest ta' sħubijiet intimi u tal-ħajja pubblika minħabba l-istereotipi marbuta mal-ġeneru stabbiliti u n-normi soċjali li jirriżultaw;

F. billi l-vjolazzjonijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod speċifiku d-dritt għall-ħajja, l-integrità fiżika u mentali, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni, id-dinjità, il-privatezza u l-libertà minn trattament inumani u degradanti; billi l-vjolazzjonijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u jxekklu l-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ([14]);

G. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma miri fil-qafas tal-SDG 3 tan-NU, u billi l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-prattiki dannużi huma miri fl-SDG 5;

H. billi għalkemm l-UE għandha għud mill-ogħla standards tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fid-dinja u xi Stati Membri implimentaw politiki u programmi li jsostnu d-drittijiet sesswali u riproduttivi, għad hemm sfidi, nuqqas ta' aċċess u affordabbiltà, lakuni, disparitajiet u inugwaljanzi fit-twettiq tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Membri, abbażi tal-età, is-sess, il-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, il-klassi, l-affiljazzjoni reliġjuża jew it-twemmin reliġjuż, l-istat ċivili, l-istatus soċjoekonomiku, id-diżabbiltà, l-istatus fir-rigward tal-HIV (jew l-infezzjonijiet trażmessi sesswalment, STIs), l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-istatus ġuridiku jew tal-migrazzjoni, il-lingwa, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru;

I. billi l-isfidi u l-ostakli tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, ostakli ta' natura legali, finanzjarja, kulturali u relatati mal-informazzjoni, bħal nuqqas ta' aċċess għal servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati universali, ta' kwalità għolja u aċċessibbli; nuqqas ta' edukazzjoni komprensiva, adatta għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sessswalità, speċjalment fid-dawl tal-fatt li t-tgawdija tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għall-persuni LGBTI tista' tiġi mfixkla serjament minħabba l-ommissjoni mill-kurrikuli tal-edukazzjoni sesswali tad-diversità tal-orjentazzjoni sesswali; l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess; nuqqas ta' metodi moderni ta' kontraċezzjoni disponibbli; it-tiċħid tal-kura medika abbażi tat-twemmin personali; ir-restrizzjonijiet legali u l-ostakli prattiċi fl-aċċess għal servizzi ta' abort; it-tiċħid tal-kura f'każ ta' abort; l-abort furzat; il-vjolenza abbażi tal-ġeneru; il-vjolenza ġinekoloġika u ostetrika; l-isterilizzazzjoni furzata, inkluż fil-kuntest tal-proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru; l-intimidazzjoni, it-trattament krudili u degradanti; id-disparitajiet u l-lakuni fir-rati ta' mortalità materna u l-appoġġ għas-saħħa mentali; iż-żieda fir-rati ta' operazzjonijiet ċesarji; nuqqas ta' aċċess għal trattament tal-kanċer ċervikali; aċċess limitat għar-riproduzzjoni assistita medikament u għat-trattamenti tal-fertilità; diffikultajiet fl-aċċess għall-oġġetti meħtieġa għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; rati għoljin ta' STIs u HIV; rati għoljin ta' tqala fost l-adolexxenti; stereotipi u prattiki dannużi marbuta mal-ġeneru bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili u intersesswali; żwiġijiet tat-tfal, prekoċi u furzati (CEFM) u qtil għall-unur, u l-hekk imsejħa prattiki ta' "terapija ta' konverżjoni" li jistgħu jieħdu l-forma ta' vjolenza sesswali bħal "stupru korrettiv" imwettaq kontra nisa u bniet leżbjani u bisesswali, kif ukoll persuni transġeneru; u dispożizzjonijiet legali antikwati jew ideoloġikament motivati li jillimitaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati;

([14]) Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), Serje ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi, disponibbli fuq: https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Women/WRGS/SexualHealth/INFO_Abortion_WEB.pdf

J. billi s-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva huma servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa li għandhom ikunu disponibbli għal kulħadd u jinkludu edukazzjoni komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza u adatta għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet; informazzjoni, counselling kunfidenzjali u bla preġudizzji u servizzi għas-saħħa u l-benesseri sesswali u riproduttivi; informazzjoni u counselling dwar il-kontraċezzjoni moderna, kif ukoll aċċess għal firxa wiesgħa ta' kontraċettivi moderni; kura qabel, matul u wara l-ħlas; servizzi tal-qwiebel; kura ostetrika u neonatali; kura u servizzi għal abort sikur u legali, inkluż trattament tal-kumplikazzjonijiet minħabba abort mhux sikur; il-prevenzjoni u t-trattament tal-HIV u ta' STIs oħra; servizzi mmirati lejn l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u t-trattament ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru; prevenzjoni, identifikazzjoni u trattament tal-kanċers tal-apparat riproduttiv, inkluż il-kanċer ċervikali; u kura u trattament fir-rigward tal-fertilità;

K. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma drittijiet tal-bniedem u jridu jiġu rispettati mill-Istati Membri tal-UE, bi qbil mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa meħtieġ biex demokrazija tiffunzjona; billi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma kollha interdipendenti; billi dawn il-valuri kollha tal-UE jridu jiġu rispettati bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha tal-UE;

L. billi s-saħħa sesswali hija fundamentali għas-saħħa u l-benesseri ġenerali tal-individwi, il-koppji u l-familji, l-istess kif inhi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-komunitajiet u l-pajjiżi, u billi l-aċċess għas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, huwa dritt tal-bniedem; billi l-għoti ta' xi forma ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità u s-saħħa diġà huwa mandatarju fil-maġġoranza tal-Istati Membri;

M. billi d-WHO tiddefinixxi l-infertilità bħala "marda tas-sistema riproduttiva definita min-nuqqas li tinkiseb tqala klinika wara 12-il xahar jew aktar ta' kopulazzjoni sesswali regolari mingħajr protezzjoni"; billi din id-definizzjoni ma tinkludix ir-realtà tal-leżbjani u n-nisa bisesswali, kif ukoll tal-persuni transġeneru, f'koppji tal-istess sess, jew nisa waħedhom interessati f'opzjonijiet ta' fertilità, u b'ħekk taggrava l-isfidi soċjoġuridiċi li diġà jiffaċċjaw fl-aċċess għat-Teknoloġiji ta' Riproduzzjoni Assistita (ART) bħala riżultat tal-enfasi fuq il-ġlieda kontra l-infertilità; billi l-leżbjani u n-nisa bisesswali jistgħu ma jkunux kapaċi jagħtu prova tal-"infertilità" tagħhom u għalhekk ma jingħatawx aċċess għall-ART ([15]);

N. billi f'ċerti ċirkostanzi l-irġiel transġeneru u l-persuni mhux binarji jistgħu wkoll jgħaddu minn tqala u, f'każijiet bħal dawn, għandhom jibbenefikaw minn miżuri għat-tqala u l-kura relatata mat-twelid mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-identità tal-ġeneru tagħhom;

O. billi ħadd m'għandu jmut waqt il-ħlas u l-aċċess għall-maternità, it-tqala u l-kura relatata mat-twelid ibbażata fuq l-evidenza, ta' kwalità u aċċessibbli huwa dritt tal-bniedem u jrid jiġi żgurat mingħajr ebda diskriminazzjoni;

P. billi l-persuni tqal jesperjenzaw diversi interventi mediċi furzati u koerċittivi matul il-ħlas, inkluż abbuż fiżiku u verbali, is-suturar ta' feriti tal-ħlas mingħajr mediċini għall-uġigħ, nuqqas ta' kunsiderazzjoni għad-deċiżjonijiet tagħhom u nuqqas ta' rispett għall-kunsens infurmat tagħhom, li jistgħu jammontaw għal vjolenza u trattament krudili u inuman;

Q. billi edukazzjoni sesswali komprensiva, ibbażata fuq l-evidenza, nondiskriminatorja u adatta għall-età bbażata fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u ffukat fuq il-ġeneru, kif speċifikat mill-gwida teknika internazzjonali tal-UNESCO, tiffaċilita mġiba sesswali responsabbli u tagħti s-setgħa lit-tfal u liż-żgħażagħ, peress li tipprovdi informazzjoni xjentifikament eżatta u adatta għall-età dwar is-sesswalità, filwaqt li tindirizza kwistjonijiet ta' saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż, iżda mhux biss, l-iżvilupp tal-bniedem; l-anatomija u l-fiżjoloġija sesswali u riproduttiva; il-kunsens, il-pubertà u l-mestrwazzjoni; ir-riproduzzjoni, il-kontraċezzjoni moderna, it-tqala u l-ħlas; l-STIs; u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi prattiki dannużi bħas-CEFM u l-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF); billi edukazzjoni komprensiva u adatta għall-età dwar is-sesswalità hija essenzjali għall-bini tal-ħiliet tat-tfal u taż-żgħażagħ biex jiffurmaw relazzjonijiet b'saħħithom, ugwali u sikuri, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati n-normi tal-ġeneru, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dinamika tal-poter fir-relazzjonijiet, il-kunsens u r-rispett għall-konfini, u tikkontribwixxi għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

([15]) https://www.who.int/reproductivehealth/topics/infertility/en/

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

R. billi n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni u edukazzjoni xjentifikament eżatti u bbażati fuq l-evidenza jikser id-drittijiet tal-individwi, huwa ta' ħsara għalihom meta jagħmlu għażliet infurmati dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tagħhom stess u jimmina approċċi b'saħħithom għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

S. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva tinkludi l-iġjene u s-sanità mestrwali, kif ukoll fatturi sistemiċi u soċjoekonomiċi ta' stigmatizzazzjoni u diskriminazzjoni marbuta mal-mestrwazzjoni; billi l-faqar fir-rigward tal-mestrwazzjoni, li jirreferi għal aċċess limitat għal prodotti sanitarji, jaffettwa lil madwar mara minn kull 10 fl-Ewropa, u huwa aggravat minn tassazzjoni bi preġudizzju fir-rigward tal-ġeneru ta' prodotti tal-iġjene mestrwali fl-UE; billi l-mistħija, l-uġigħ mestrwali mhux trattat u t-tradizzjonijiet diskriminatorji jwasslu għal tluq bikri mill-iskola u rati ta' attendenza aktar baxxi tal-bniet fl-iskola u tan-nisa fuq il-post tax-xogħol; billi l-attitudnijiet negattivi u l-miti eżistenti rigward il-mestrwazzjoni jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet dwar is-saħħa riproduttiva; billi l-fehim tar-rabtiet bejn l-iġjene mestrwali u l-morbożità, il-mortalità u l-infertilità materna, l-STIs/HIV u l-kanċer ċervikali jista' jappoġġa l-identifikazzjoni bikrija u jsalva l-ħajjiet;

T. billi l-kontraċezzjoni moderna għandha rwol fundamentali fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fil-prevenzjoni ta' tqala mhux intenzjonata, kif ukoll fit-twettiq tad-dritt tal-individwi li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-għażliet tal-familja tagħhom billi jippjanaw b'mod proattiv u responsabbli in-numru ta' tfal, iż-żmien meta jkollhom it-tfal u kemm jgħaddi żmien bejn wild u ieħor; billi ċerti metodi ta' kontraċezzjoni moderna jnaqqsu wkoll l-inċidenza tal-HIV/STIs; billi l-aċċess għall-kontraċezzjoni moderna għadu mxekkel minn ostakli prattiċi, finanzjarji, soċjali u kulturali, inklużi miti rigward il-kontraċezzjoni, attitudnijiet antikwati lejn is-sesswalità u l-kontraċezzjoni femminili, kif ukoll perċezzjoni stereotipika tan-nisa bħala l-uniċi responsabbli għall-kontraċezzjoni;

U. billi l-liġijiet dwar l-abort huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali; billi anke meta l-abort ikun legalment disponibbli, spiss ikun hemm firxa ta' ostakli legali, kważi legali u informali għall-aċċess għalih, inklużi perjodi ta' żmien limitati u r-raġunijiet li għalihom jista' jinkiseb aċċess għall-abort; perjodi ta' stennija mhux ġustifikati mil-lat mediku; nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa mħarrġa u disposti; u t-tiċħid tal-kura medika abbażi tat-twemmin personali, counselling preġudikat u mandatorju, miżinformazzjoni intenzjonata jew awtorizzazzjoni minn parti terza, testijiet medikament mhux meħtieġa, rekwiżiti ta' diffikultà, l-ispejjeż involuti u n-nuqqas ta' rimborż tagħhom;

V. billi xi Stati Membri għad għandhom liġijiet restrittivi ħafna li jipprojbixxu l-abort ħlief f'ċirkostanzi strettament definiti, li jwasslu biex in-nisa jkollhom ifittxu aborti klandestini, jivvjaġġaw lejn pajjiżi oħra jew jaslu sa tmiem it-tqala kontra r-rieda tagħhom, li huwa ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ([16]) li taffettwa d-drittijiet tan-nisa u l-bniet għall-ħajja, l-integrità fiżika u mentali, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u s-saħħa, u billi xi Stati Membri li llegalizzaw l-abort fuq talba jew fuq bażi soċjali wiesgħa madankollu jkomplu jżommu sanzjonijiet kriminali għal aborti li jsiru barra l-ambitu tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli;

W. billi diversi Stati Membri bħalissa qed jippruvaw jillimitaw aktar l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati permezz ta' liġijiet restrittivi ħafna li jwasslu għal diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u konsegwenzi negattivi għas-saħħa tan-nisa;

X. billi dawk li jopponu d-drittijiet sesswali u riproduttivi spiss jistrumentalizzaw il-kwistjonijiet, bħall-interess nazzjonali jew it-tibdil demografiku, sabiex jimminaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u b'hekk jikkontribwixxu għall-erożjoni tal-libertajiet personali u l-prinċipji tad-demokrazija; billi l-politiki kollha li jindirizzaw it-tibdil demografiku jridu jkunu bbażati fuq id-drittijiet, iffukati fuq il-persuni, imfassla apposta u bbażati fuq l-evidenza, u jridu jirrispettaw id-drittijiet sesswali u riproduttivi;

Y. billi dawk li jopponu d-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-awtonomija tan-nisa kellhom influwenza sinifikanti fuq il-liġi u l-politika nazzjonali b'inizjattivi retrogressivi meħuda f'diversi Stati Membri, li jfittxu li jdgħajfu s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, kif innutat mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rigressjoni

([16]) https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Women/WRGS/SexualHealth/INFO_Abortion_WEB.pdf

tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE u dwar id-drittijiet tal-abort fil-Polonja, u mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fir-rapport tiegħu tal-22 ta' Novembru 2019 bit-titolu "Beijing + 25: the fifth review of the implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States" billi dawn l-inizjattivi u din ir-rigressjoni jostakolaw it-twettiq tad-drittijiet tan-nies, l-iżvilupp tal-pajjiżi u jdgħajfu l-valuri u d-drittijiet fundamentali Ewropej;

Z. billi bosta rapporti juru li, matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-lockdown, is-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kienu limitati u/jew revokati ([17]), u kien hemm tfixkil fl-aċċess għal servizzi mediċi essenzjali bħall-kontraċezzjoni u l-kura f'każ ta' abort, l-ittestjar għall-HIV u l-STIs, l-aċċess għaċ-Ċentri ta' Prevenzjoni u Sensibilizzazzjoni tal-MĠF u għall-iskrinjar tal-kanċers tal-apparat riproduttiv, u għal kura tas-saħħa materna rispettuża, li kellhom implikazzjonijiet serji għad-dritt fundamentali tan-nisa għall-awtonomija tal-ġisem; billi l-pandemija tal-COVID-19 uriet li hemm bżonn li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa għal kriżijiet bħal dawn, biex jiġi żgurat li s-servizzi relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ikomplu jkunu kompletament disponibbli u jiġu pprovduti fil-ħin;

AA. billi qed isir sforz persistenti biex tiġi strumentalizzata l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 bħala pretest biex jiġu adottati aktar miżuri restrittivi fis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ([18]), li jwasslu għar-riallokazzjoni tar-riżorsi; billi dan għandu effett negattiv wiesa' u fit-tul fuq l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għas-saħħa, fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u qed ipoġġi f'riskju l-benesseri, is-saħħa u l-ħajja tan-nisa u l-bniet;

AB. billi l-persuni u l-gruppi emarġinati, inklużi l-minoranzi razzjali, etniċi u reliġjużi, il-migranti, il-persuni minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati, il-persuni mingħajr assigurazzjoni tas-saħħa, il-persuni li jgħixu f'żoni rurali, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni LGBTIQ u l-vittmi tal-vjolenza, fost oħrajn, spiss jiffaċċjaw ostakli addizzjonali, diskriminazzjoni u vjolenza fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, bħala riżultat ta' liġijiet u politiki li jippermettu prattiki koerċittivi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u nuqqasijiet li tiġi żgurata akkomodazzjoni raġonevoli fl-aċċess għal kura u informazzjoni ta' kwalità; billi hemm nuqqas ta' data sostantiva dwar il-kwistjoni tal-vjolenza ostetrika fil-konfront ta' nisa razzjalizzati fl-Ewropa; billi din id-diskriminazzjoni twassal għal rati ogħla ta' mortalità u morbożità materna (pereżempju fost in-nisa suwed), riskju ogħla ta' abbuż u vjolenza (għan-nisa b'diżabbiltà), nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni u inġustizzja u inugwaljanza ġenerali fl-aċċess għas-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati;

AC. billi l-infertilità u s-subfertilità jaffettwaw persuna minn kull sitta fl-Ewropa u huma kwistjoni ta' saħħa pubblika globali; billi hemm il-ħtieġa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-informazzjoni u t-trattamenti tal-fertilità, u li tiġi pprojbita d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, saħħa jew stat ċivili;

AD. billi, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa hija relatata ma' diversi drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ħajja u għad-dinjità, il-libertà minn trattament inuman u degradanti, id-dritt ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni;

AE. billi l-Parlament Ewropew indirizza s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("Programm l-UE għas-Saħħa"), sabiex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-prodotti li huma meħtieġa għall-għoti sikur ta' servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (pereżempju mediċini, kontraċettivi u tagħmir mediku);

([17]) Nota teknika Interim tal-UNFPA bit-titolu "Impact of the COVID-19 Pandemic on Family Planning and Ending Gender-based Violence, Female Genital Mutilation and Child Marriage", 27 ta' April 2020, disponibbli fuq: https://www.unfpa.org/sites/default/files/resource-pdf/COVID-19_impact_brief_for_UNFPA_24_April_2020_1.pdf

([18]) EPF u IPPF EN, op. cit., p. 8.

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

AF. billi l-adolexxenti spiss jiffaċċjaw ostakli fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati minħabba n-nuqqas ta' servizzi faċli li jintużaw miż-żgħażagħ;

AG. billi l-Inizjattiva Spotlight tnediet mill-UE u min-NU bil-għan li tiġi miġġielda l-vjolenza, inkluża l-vjolenza sesswali, fuq in-nisa u l-bniet u li din l-inizjattiva għandha l-għan, fost l-oħrajn, li ttejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni sesswali u għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

AH. billi s-servizzi tal-ilma, tas-sanità u tal-iġjene (WASH) huma essenzjali għas-saħħa sesswali u riproduttiva, iżda ta' spiss jibqgħu inaċċessibbli, speċjalment fiż-żoni remoti;

Il-ħolqien ta' konsensus u l-indirizzar tal-isfidi relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala sfidi tal-UE

1. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u bi qbil mal-kompetenzi nazzjonali, jistieden lill-Istati Membri jissalvagwardjaw id-dritt tal-persuni kollha, irrispettivament mill-età, is-sess, il-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, il-klassi, il-kasta, l-affiljazzjoni reliġjuża u t-twemmin reliġjuż, l-istat ċivili jew soċjoekonomiku, id-diżabbiltà, l-istatus rigward l-HIV (jew l-STIs), l-oriġini nazzjonali u soċjali, l-istatus legali jew tal-migrazzjoni, il-lingwa, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, biex jagħmlu l-għażliet infurmati tagħhom stess fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, biex jiżguraw li kulħadd ikollu id-dritt għall-integrità fiżika u għall-awtonomija personali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u biex jipprovdu l-mezzi meħtieġa biex kulħadd ikun jista' jgawdi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati;

2. Ifakkar fl-impenn tal-UE favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu u ta' kull mara u tfajla li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, u li jieħdu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza ([19]);

3. Jitlob lill-UE, lill-korpi u lill-aġenziji tagħha jappoġġaw u jippromwovu l-aċċess universali u sħiħ għas-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom billi javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-rispett għall-awtonomija personali, l-aċċessibbiltà, l-għażla infurmata, il-kunsens u r-rispett, in-nondiskriminazzjoni u n-nonvjolenza, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal firxa sħiħa ta' saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ta' kwalità għolja, komprensivi u aċċessibbli, u jneħħu l-ostakli legali, politiċi, finanzjarji u oħrajn kollha li jimpedixxu l-aċċess sħiħ għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għall-persuni kollha; jitlob, f'dan il-kuntest, il-faċilitazzjoni ta' skambji regolari u l-promozzjoni ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati dwar l-aspetti tal-ġeneru tas-saħħa;

4. Jafferma mill-ġdid li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma fundamentali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp, il-protezzjoni tat-tfal u l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tat-traffikar tal-bnedmin u tal-faqar;

5. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi persistenti fl-aċċess jew fl-eżerċizzju tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jiżguraw servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ta' kwalità għolja u aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-istat soċjoekonomiku, sabiex ebda persuna ma titħalla lura għaliex ma tkunx tista' teżerċita d-dritt tagħha għas-saħħa;

6. Jirrikonoxxi l-importanza tal-informazzjoni pubblika dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; ifakkar li l-politiki kollha relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għandhom ikunu bbażati fuq evidenza affidabbli u oġġettiva minn organizzazzjonijiet bħad-WHO, aġenziji oħra tan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa;

([19]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2020 dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-75 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2020-Settembru 2021.

7. Jafferma mill-ġdid li l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa jistieden lill-Istati Membri tiegħu ([20]) biex jiggarantixxu dispożizzjoni baġitarja suffiċjenti għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jiżguraw id-disponibbiltà ta' riżorsi umani adegwati u prodotti meħtieġa fil-livelli kollha tas-sistema tas-saħħa, kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali, biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli legali, politiċi u finanzjarji li jimpedixxu l-aċċess għal kura b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva ta' kwalità tajba u biex jintegraw is-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatatifi skemi eżistenti tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, is-sussidjar jew ir-rimborż sabiex tinkiseb Kopertura Universali tas-Saħħa;

8. Ifakkar fil-fehmiet approvati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, li rrakkomanda li l-kura tas-saħħa transspeċifika bħat-trattament ormonali u l-kirurġija għandha tkun aċċessibbli u rimborżata minn skemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa ([21]);

Is-saħħa sesswali u riproduttiva bħala komponent essenzjali ta' saħħa tajba

9. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji u programmi ta' monitoraġġ effettivi li jiggarantixxu t-tgawdija ta' firxa sħiħa ta' servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ta' kwalità għolja u aċċessibbli, u l-aċċess universali għalihom, f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-saħħa, irrispettivament mill-ostakli finanzjarji, prattiċi u soċjali, u mingħajr diskriminazzjoni, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-gruppi emarġinati, inklużi iżda mhux biss, in-nisa minn minoranzi etniċi, razzjali u reliġjuži, in-nisa migranti, in-nisa minn żoni rurali u reġjuni ultraperiferiċi fejn il-limitazzjonijiet ġeografiċi jipprevjenu l-aċċess dirett u immedjat għal tali servizzi, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa mingħajr assigurazzjoni tas-saħħa, il-persuni LGBTI u l-vittmi tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru;

10. Jisħaq li l-ugwaljanza fl-aċċess, il-kwalità tal-kura u l-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-kura tas-saħħa u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma fundamentali għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza wkoll li s-servizzi, il-komoditajiet u l-faċilitajiet jeħtieġ li jkunu reattivi għar-rekwiżiti tal-ġeneru u tul il-ħajja kollha u jeħtieġ li jirrispettaw il-kunfidenzjalità u l-kunsens infurmat;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru b'mod sistematiku data robusta dwar l-ugwaljanza diżaggregata skont diversi fatturi inklużi l-ġeneru, l-età, l-oriġini razzjali u etnika u l-orjentazzjoni sesswali, l-isfond kulturali u soċjoekonomiku, kif ukoll statistika dwar is-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kollha, fuq bażi anonima, sabiex jiġu identifikati u indirizzati d-differenzi possibbli fl-eżiti fl-għoti tal-kura b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ il-kompetenza tagħha fil-politika tas-saħħa, u tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jiggarantixxu aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-qafas tal-Programm l-UE għas-Saħħa għall-perjodu 2021-2027; biex jippromwovu l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa; biex isaħħu s-sistemi nazzjonali tas-saħħa u l-konverġenza 'l fuq tal-istandards tal-kura tas-saħħa biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa fi ħdan u bejn l-Istati Membri; u biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistieden lill-Istati Membri jimxu lejn kopertura tas-saħħa universali, li għaliha s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma essenzjali, inkluż bl-użu, fejn xieraq, tal-Programm l-UE għas-Saħħa u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ pożittiv u proattiv għall-kura tas-saħħa matul iċ-ċiklu tal-ħajja, billi tiġi żgurata kura tas-saħħa universali u ta' kwalità għolja, appoġġata minn riżorsi adegwati; jenfasizza li l-UE tista' tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri għal approċċi integrati u intersezzjonali għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura, u tista' tappoġġa wkoll l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiżguraw l-aċċess għas-servizzi b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u l-prodotti mediċinali relatati, inkluż fis-suq globali; jappella għal użu msaħħaħ ta' teknoloġiji emerġenti għall-provvista ta' trattamenti u metodi dijanjostiċi avvanzati u emerġenti, li jippermettu lill-pazjenti jibbenefikaw bis-sħiħ mir-rivoluzzjoni diġitali; jisħaq fuq il-ħtieġa li Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali jintużaw bis-sħiħ biex dawn il-prijoritajiet jitmexxew 'il quddiem;

([20]) Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, *Women's sexual and reproductive health and rights in Europe*, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Kunsill tal-Ewropa, 2017, https://www.coe.int/en/web/commissioner/women-s-sexual-and-reproductive-rights-in-europe

([21]) Rapport tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (CDDH) tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, disponibbli fuq https://search.coe.int/cm/Pages/result_details.aspx?ObjectId=09000016809f9ba0

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost in-nisa dwar l-importanza ta' skrinings regolari, u biex jiżguraw li s-servizzi tas-saħħa pubblika jipprovdu skrinings bħal mammografiji u ultrasonografiji mammarji, testijiet ċitoloġiċi u scans tad-densità tal-għadam;

15. Jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni tal-mard permezz tal-edukazzjoni; jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-vaċċini fil-prevenzjoni tal-mard fejn il-vaċċini jeżistu; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jestendu x-xiri tal-UE ta' vaċċini għall-ġlieda kontra l-COVID-19 għax-xiri tal-vaċċin kontra l-virus tal-papilloma uman (HPV), filwaqt li jiżguraw li kull persuna fl-Ewropa jista' jkollha aċċess għal dan il-vaċċin;

16. Ifakkar li l-interventi mediċi kollha relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jridu jsiru b'kunsens minn qabel, personali u infurmat bis-sħiħ; jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-vjolenza ġinekoloġika u ostetrika billi jsaħħu l-proċeduri li jiggarantixxu r-rispett għal kunsens liberu u infurmat minn qabel u protezzjoni minn trattament inuman u degradanti fi strutturi tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-taħriġ ta' professjonisti mediċi; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-forma speċifika ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-attivitajiet tagħha;

17. Huwa mħasseb ferm li n-nisa u l-bniet b'diżabbiltà spiss wisq jiġu mċaħħda mill-aċċess għal faċilitajiet fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva, jiġu mċaħħda mill-kunsens infurmat rigward l-użu tal-kontraċettivi u li saħansitra jiffaċċjaw ir-riskju ta' sterilizzazzjoni furzata; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri leġiżlattivi li jissalvagwardjaw l-integrità fiżika, il-libertà ta' għażla u l-awtodeterminazzjoni fir-rigward tal-ħajja sesswali u riproduttiva tal-persuni b'diżabbiltà;

18. Jistieden lill-Istati Membri jipprojbixxu, u jieħdu miżuri effettivi mingħajr dewmien biex jipprevjenu, kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa razzjalizzati, inkluża s-segregazzjoni etnika fil-faċilitajiet tas-saħħa, u jiggarantixxu aċċess universali għal kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva ta' kwalità mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u abbuż, u jindirizzaw, jirrimedjaw u jipprevjenu l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jaffettwahom;

19. Jafferma mill-ġdid it-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw leġiżlazzjoni li tiżgura li l-persuni intersesswali ma jiġux soġġetti għal trattament mediku jew kirurġiku mhux vitali matul l-infanzja jew it-tfulija, u li d-dritt tagħhom għall-integrità fiżika, l-awtonomija, l-awtodeterminazzjoni u l-kunsens infurmat jiġi rispettat bis-sħiħ;

20. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħall-infertilità, il-menopawża u l-kanċers speċifiċi tal-apparat riproduttiv; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu s-servizzi ta' riabilitazzjoni u l-mekkaniżmi ta' appoġġ meħtieġa kollha, inkluża l-kura tas-saħħa mentali u fiżika meħtieġa, lill-vittmi kollha ta' ksur tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar il-kontribut tal-programmi tal-UE għall-avvanz u l-appoġġ tas-saħħa riproduttiva;

21. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża A.P., Garçon u Nicot v. Franza, li fiha rrikonoxxiet li rekwiżit ta' Stat Membru għall-isterilizzazzjoni qabel ma jippermetti proċeduri legali ta' rikonoxximent tal-ġeneru jammonta għal nuqqas li jiġi żgurat id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-applikant; ifakkar fir-rikonoxximent tan-NU li l-isterilizzazzjoni furzata hija ksur tad-dritt li wieħed ikun ħieles mit-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra ([22]); jiddeplora l-fatt li, f'xi Stati Membri tal-UE, l-isterilizzazzjoni għadha kundizzjoni *sine qua non* għall-aċċess għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri jabolixxu r-rekwiżit tal-isterilizzazzjoni u jipproteġu d-dritt tal-persuni transġeneru għall-awtodeterminazzjoni ([23]);

22. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu l-impatti tal-bidliet ambjentali fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u fuq il-fertilità, inkluż iżda mhux biss, it-tniġġis tal-ilma u tal-arja, u żieda fil-konsum tas-sustanzi kimiċi; jitlob li dan jiġi eżaminat aktar permezz ta' Orizzont Ewropa u jiġi indirizzat permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

([22]) https://www.ohchr.org/Documents/HRBodies/HRCouncil/RegularSession/Session22/A.HRC.22.53_English.pdf

([23]) Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Kawża A.P., Garçon u Nicot v. Franza (Applikazzjonijiet nri 79885/12, 52471/13 u 52596/13).

23. Jisħaq fuq l-importanza tal-forniturі tas-saħħa sesswali u riproduttiva fil-forniment ta' firxa komprensiva ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi, inklużi kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu ċ-ċirkostanzi uniċi tagħhom meta jippjanaw l-għoti tal-kura tas-saħħa b'mod ġenerali;

a) ***Aċċess għal prodotti mestrwali sikuri, ġusti u ċirkolari għal kulħadd***

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkoraġġixxu d-disponibbiltà mifruxa ta' prodotti mestrwali mingħajr tossini u li jistgħu jerġgħu jintużaw, b'mod partikolari fi ħwienet kbar u spiżeriji madwar il-pajjiż (li tal-inqas għandhom jaqblu mal-proporzjon ta' oġġetti għall-bejgħ li jintużaw darba biss), akkumpanjati minn miżuri ta' sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji ta' prodotti mestrwali li jistgħu jerġgħu jintużaw meta mqabbla ma' dawk li jintużaw darba biss;

25. Jenfasizza l-effetti negattivi tal-ħekk imsejħa taxxa fuq it-tampon fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Istati Membri kollha jeliminaw l-ħekk imsejħa "taxxa fuq il-kura u t-tampons" billi jużaw il-flessibbiltà introdotta fid-Direttiva tal-VAT u japplikaw eżenzjonijiet jew rati ta' VAT ta' 0 % għal dawn il-prodotti bażiċi essenzjali;

b) ***Edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità hija ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ***

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għal edukazzjoni u informazzjoni dwar is-sesswalità li tkun xjentifikament preċiża, ibbażata fuq l-evidenza, adatta għall-età, li ma tiġġudika lil ħadd u komprensiva għat-tfal kollha tal-iskola primarja u sekondarja, kif ukoll għat-tfal barra mill-iskola, f'konformità mal-istandards tad-WHO għall-Edukazzjoni dwar is-Sesswalità u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva, mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw edukazzjoni komprensiva dwar il-mestrwazzjoni u r-rabtiet tagħha mas-sesswalità u l-fertilità; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu servizzi żviluppati tajjeb, iffinanzjati tajjeb u aċċessibbli għaż-żgħażagħ, kif ukoll it-taħriġ tal-għalliema, u l-mezzi għall-funzjonament xieraq tal-uffiċċji ta' appoġġ u taċ-ċentri tal-edukazzjoni dwar is-saħħa;

27. Jenfasizza li l-għoti ta' edukazzjoni u informazzjoni komprensivi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jitwettqu għalkollox l-impenji tal-25 anniversarju tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD25), jiġifieri żero każijiet li fihom ma tkunx ġiet issodisfata l-ħtieġa ta' ppjanar tal-familja, żero mwiet materni prevenibbli, żero vjolenza abbażi tal-ġeneru u żero prattiki dannużi kontra n-nisa, il-bniet u ż-żgħażagħ; jenfasizza li l-edukazzjoni u l-informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-vjolenza u l-fastidju sesswali, ikkomplementati minn finanzjament tal-UE u proġetti li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki tas-saħħa pubblika, u l-iżvilupp u t-tixrid ta' prattiki tajba; jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni sesswali u dwar ir-relazzjonijiet komprensiva u adatta għall-età u informazzjoni dwar is-sesswalità, u l-importanza tagħha għall-ippjanar tal-familja u l-aċċess għas-saħħa riproduttiva, kif ukoll il-konsegwenzi tagħha għal tqala mhux intenzjonata u mard relatat mas-saħħa sesswali u riproduttiva;

28. Ifakkar li l-istereotipi u t-tabujiet li jikkonċernaw il-mestrwazzjoni għadhom mifruxa fis-soċjetajiet tagħna u li dawn jistgħu jdewmu d-dijanjożi ta' mard bħall-endometrijożi li, minkejja li taffettwa lil mara waħda minn kull 10 f'età riproduttiva, li hija l-kawża primarja tal-infertilità tan-nisa u li tikkawża uġigħ pelviku kroniku, tieħu medja ta' tmien snin biex tiġi dijanjostikata, u li għaliha m'hemmx kura; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw edukazzjoni komprensiva u xjentifikament preċiża dwar il-mestrwazzjoni, iqajmu kuxjenza u jniedu kampanji ta' informazzjoni ewlenin dwar l-endometrijożi mmirati lejn il-pubbliku, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-leġiżlaturi; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal programmi ta' edukazzjoni dwar il-mestrwazzjoni għat-tfal kollha, sabiex dawk li jimmestrwaw ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati dwar il-mestrwazzjonijiet u l-ġisem tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod urġenti l-faqar mestrwali billi jiżguraw li prodotti għall-mestrwazzjoni b'xejn ikunu disponibbli għal kull min għandu bżonnhom;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra t-tixrid ta' miżinformazzjoni diskriminatorja u mhux sikura dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, peress li din tipperikola l-persuni kollha, speċjalment in-nisa, il-persuni LGBTI u ż-żgħażagħ; jirrikonoxxi l-parti li l-midja, il-midja soċjali, l-istituzzjonijiet ta' informazzjoni pubblika u partijiet ikkonċernati oħra għandhom fl-iżgurar ta' informazzjoni preċiża u bbażata fuq ix-xjenza, u jistedinhom jirrifjutaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati mill-programmi, il-materjali u l-attivitajiet tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw kurrikuli komprensivi ta' edukazzjoni dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet skont l-età, filwaqt li jqisu li l-għoti ta' informazzjoni għandu jirrifletti d-diversità tal-orjentazzjonijiet sesswali, l-identitajiet tal-ġeneru, l-espressjonijiet u l-karatteristiċi sesswali, sabiex tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni bbażata fuq stereotipi jew preġudizzji, u biex jissaħħu s-salvagwardji tad-dritt għas-saħħa riproduttiva permezz tas-servizzi tas-saħħa pubblika;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

c) ***Kontraċezzjoni moderna bħala strateġija biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***

30. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għal firxa ta' metodi u provvisti ta' kontraċezzjoni moderni ta' kwalità għolja u aċċessibbli, konsulenza dwar l-ippjanar tal-familja u informazzjoni dwar il-kontraċezzjoni għal kulħadd, jindirizzaw l-ostakli kollha li jimpedixxu l-aċċess għall-kontraċezzjoni, bħall-ostakli finanzjarji u soċjali, u jiżguraw li jkunu disponibbli pariri mediċi u konsultazzjonijiet mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, li jippermettu lill-persuni kollha jagħżlu l-metodu ta' kontraċezzjoni li huwa l-aktar adattat għalihom, u b'hekk jissalvagwardjaw id-dritt fundamentali għas-saħħa u d-dritt tal-għażla;

31. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal kontraċezzjoni moderna, effettiva u aċċessibbli, filwaqt li jqisu r-rati ta' suċċess fit-tul; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu li din il-kopertura għandha tiġi estiża għall-persuni kollha ta' età riproduttiva; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi tas-saħħa kollha jipprovdu kura medika u psikoloġika regolari xierqa li tippromwovi u tiddefendi s-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa tul il-ħajja;

32. Ifakkar li l-Istati Membri u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu informazzjoni preċiża u bbażata fuq l-evidenza dwar il-kontraċezzjoni u li jistabbilixxu strateġiji biex jindirizzaw u jneħħu l-ostakli, il-miti, l-istigma u l-ideat żbaljati; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar għażliet ta' kontraċettivi moderni u l-firxa sħiħa ta' kontraċettivi, u jipprovdu għoti ta' servizzi ta' kontraċettivi moderni u ta' kwalità għolja u counselling minn professjonisti tal-kura tas-saħħa, inkluża kontraċezzjoni ta' emerġenza mingħajr preskrizzjoni, f'konformità mal-istandards tad-WHO, li spiss f'ċerti pajjiżi tiġi miċħuda mit-tobba għal raġunijiet ta' twemmin personali;

d) ***Kura f'każ ta' abort sikura u legali bbażata fuq is-saħħa u d-drittijiet tan-nisa***

33. Jafferma mill-ġdid li l-abort dejjem irid ikun deċiżjoni volontarja bbażata fuq it-talba ta' dak li jkun, bir-rieda libera tiegħu, skont l-istandards mediċi u d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u s-sikurezza bbażati fuq il-linji gwida tad-WHO u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għal abort sikur u legali, u r-rispett għad-dritt għal-libertà, il-privatezza u l-aqwa kura tas-saħħa ottenibbli;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddekriminalizzaw l-abort, kif ukoll ineħħu u jiġġieldu l-ostakli għall-abort legali, u jfakkar li għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li n-nisa jkollhom aċċess għad-drittijiet mogħtija lilhom bil-liġi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-metodi eżistenti u jeżaminaw metodi ġodda fl-għoti ta' kura relatata mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u modi kif jiġu indirizzati l-lakuni fil-provvista ta' servizzi li ħarġu fid-dieher permezz tal-COVID-19, u biex jagħmlu dan għal kulħadd, b'enfasi partikolari fuq il-gruppi l-aktar emarġinati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttivi u d-drittijiet relatati permezz tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa li jmiss;

35. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw mill-ġdid id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali tagħhom dwar l-abort u jġibuhom konformi mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ([24]) u mal-aħjar prattiki reġjonali billi jiżguraw li l-abort fuq talba jkun legali fit-tqala bikrija u, meta meħtieġ, lil hinn jekk is-saħħa jew il-ħajja tal-mara tkun fil-periklu; ifakkar li projbizzjoni totali fuq il-kura f'każ ta' abort jew iċ-ċaħda tal-kura f'każ ta' abort hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ([25]) u jħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-aħjar prattiki fil-kura tas-saħħa billi jistabbilixxu servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva disponibbli fil-livell tal-kura primarja, b'sistemi ta' riferiment fis-seħħ għall-kura kollha ta' livell ogħla meħtieġa;

36. Jirrikonoxxi li, għal raġunijiet personali, prattikanti mediċi individwali jistgħu jinvokaw klawżola ta' kuxjenza; jenfasizza, madankollu, li l-klawżola ta' kuxjenza ta' individwu ma tistax tinterferixxi mad-dritt ta' pazjent għal aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa u s-servizzi; jistieden lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-kura tas-saħħa jqisu dawn iċ-ċirkostanzi fil-forniment ġeografiku tagħhom tas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

([24]) Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) tan-NU – Kumment Ġenerali Nru 36 (2018), HRC: Mellet vs Ireland, Komunikazzjoni Nru 2324/2013 (2016) u Whelan vs Ireland, Komunikazzjoni Nru 2425/2014 (2017); HRC: K.L. vs Perù, Komunikazzjoni Nru 1153/2003 (2005) u L.M.R. vs Arġentina, Komunikazzjoni Nru 1608/2007 (2011); Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 35 tas-CEDAW (2017); Kumitat għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, Kumment Ġenerali Nru 22 (2016); Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-liġi u fil-prattika, A/HRC/32/448, 8 ta' April 2016; Dikjarazzjoni Konġunta tal-Proċeduri Speċjali tan-NU, Jum Internazzjonali tal-Abort Sikur, 28 ta' Settembru 2016; Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 35 tas-CEDAW; Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 30 tas-CEDAW; CEDAW, L. C. vs Perù, Komunikazzjoni Nru 22/2009 (2011).

([25]) https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Women/WRGS/SexualHealth/INFO_Abortion_WEB.pdf

37. Jiddispjaċih li xi kultant prattika komuni fl-Istati Membri tippermetti lill-prattikanti mediċi, u f'xi okkażjonijiet lil istituzzjonijiet mediċi sħaħ, jirrifjutaw li jipprovdu servizzi tas-saħħa abbażi tal-hekk imsejħa klawżola ta' kuxjenza, li twassal għaċ-ċaħda tal-kura f'każ ta' abort għal raġunijiet ta' reliġjon jew kuxjenza, u li tipperikola l-ħajja u d-drittijiet tan-nisa; jinnota li din il-klawżola spiss tintuża wkoll f'sitwazzjonijiet fejn kwalunkwe dewmien jista' jipperikola l-ħajja jew is-saħħa tal-pazjent;

38. Jinnota li din il-klawżola ta' kuxjenza xxekkel ukoll l-aċċess għal skrinjar ta' qabel it-twelid, li mhux biss huwa ksur tad-dritt tan-nisa għall-informazzjoni dwar il-kundizzjoni tal-fetu iżda wkoll, f'ħafna każijiet, ixekkel it-trattament b'suċċess matul jew immedjatament wara t-tqala; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri regolatorji u ta' infurzar effettivi li jiżguraw li l-klawżola ta' "kuxjenza" ma tpoġġix f'riskju l-aċċess f'waqtu tan-nisa għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

e) ***Aċċess għal trattamenti tal-fertilità***

39. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni kollha f'età riproduttiva jkollhom aċċess għal trattamenti tal-fertilità, irrispettivament mill-istat soċjoekonomiku jew ċivili tagħhom, l-identità tal-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom; jenfasizza l-importanza li tiġi eżaminata mill-qrib il-fertilità fl-UE bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika, u l-prevalenza tal-infertilità u s-subfertilità li huma realtà diffiċli u ta' wġigħ għal ħafna familji u persuni; jistieden lill-Istati Membri jieħdu approċċ olistiku, ibbażat fuq id-drittijiet, inklużiv u nondiskriminatorju għall-fertilità, inklużi miżuri għall-prevenzjoni tal-infertilità, u jiżguraw l-ugwaljanza tal-aċċess għas-servizzi għall-persuni kollha f'età riproduttiva, u jagħmlu r-riproduzzjoni assistita medikament disponibbli u aċċessibbli fl-Ewropa;

f) ***Kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid għal kulħadd***

40. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiżguraw aċċess mingħajr diskriminazzjoni għal kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid ta' kwalità għolja, aċċessibbli, ibbażata fuq l-evidenza u rispettuża għal kulħadd, inkluża l-kura mill-qwiebel, qabel it-twelid, waqt it-twelid u wara t-twelid, u l-appoġġ għas-saħħa mentali materna, skont l-istandards u l-evidenza attwali tad-WHO, u konsegwentement jirriformaw il-liġijiet, il-politiki u l-prattiki li jeskludu ċerti gruppi mill-aċċess għall-kura relatat mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid, inkluż bit-tneħħija ta' restrizzjonijiet legali u ta' politika diskriminatorji li japplikaw għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru, nazzjonalità, oriġini razzjali jew etnika u status ta' migrazzjoni;

41. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tan-nisa u d-dinjità tagħhom fit-twelid, u biex jikkundannaw bil-qawwa u jiġġieldu l-abbuż fiżiku u verbali, inkluża l-vjolenza ġinekoloġika u ostetrika, kif ukoll kwalunkwe vjolenza oħra assoċjata abbażi tal-ġeneru fil-kura qabel it-twelid, waqt it-twelid u wara t-twelid, li tikser id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tista' tikkostitwixxi forom ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standards komuni tal-UE fil-kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid, u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-esperti fil-qasam; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jiżguraw li l-fornituri tal-kura tas-saħħa jkollhom taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-prinċipji ta' kunsens liberu u infurmat u għażla infurmata dwar il-kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid;

43. Ifakkar li r-reġjun Ewropew tad-WHO jippreżenta l-iktar rata baxxa ta' treddigħ fid-dinja; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sensibilizzazzjoni u informazzjoni dwar il-benefiċċji tat-treddigħ; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jniedu kampanji ta' profil għoli biex jenfasizzaw il-benefiċċji tat-treddigħ;

Forniment ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati matul il-pandemija tal-COVID-19 u fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha relatati mal-kriżi

44. Jirrimarka li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jesperjenzaw kriżi ekonomika u soċjali, minbarra l-kriżi sanitarja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw l-impatt fuq is-saħħa tal-COVID-19 permezz ta' lenti tal-ġeneru u jiżguraw il-kontinwazzjoni ta' firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva permezz tas-sistemi tas-saħħa f'kull ċirkostanza, f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti fuq il-ġlieda kontra kwalunkwe tentattiv ta' restrizzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati matul il-pandemija u lil hinn minnha; jistieden ukoll lill-Istati Membri jidderieġu sforzi u riżorsi addizzjonali għall-bini mill-ġdid ta' sistema tas-saħħa li tirrikonoxxi li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma essenzjali għas-saħħa u l-benesseri tal-persuni kollha;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

45. Jirrikonoxxi l-effetti li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq il-provvista tal-kontraċettivi u l-aċċess għalihom, u jtenni l-projezzjonijiet tal-UNFPA minn April 2020, li jiddikjaraw li madwar 47 miljun mara f'114-il pajjiż bi dħul baxx u medju huma mistennija li ma jkunux jistgħu jużaw kontraċettivi moderni jekk il-lockdown jew l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista jkomplu għal sitt xhur;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw aċċess sħiħ għall-kontraċezzjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 u, permezz ta' sforzi konġunti, jipprevjenu t-tfixkil fil-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista; jenfasizza eżempji ta' prattika tajba bħal kontraċettivi aċċessibbli għan-nisa kollha taħt ċertu grupp ta' età u/jew telekonsultazzjonijiet fl-aċċess għall-kontraċettivi;

47. Jiddispjaċih li l-aċċess għal abort sikur u legali għadu limitat matul il-pandemija tal-COVID-19, b'eżempji ta' sforzi biex jiġi pprojbit kompletament taħt il-pretensjoni li huwa servizz ta' prijorità aktar baxxa ([26]); iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ukoll aċċess sikur, liberu u aġġustat għall-abort matul iċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn minnha, bħall-pillola tal-abort, u jirrikonoxxu l-kura f'każ ta' abort bħala proċedura urġenti u medika, u b'hekk jirrifjutaw ukoll il-limitazzjonijiet kollha fl-aċċess għaliha;

48. Jenfasizza l-konsegwenzi negattivi tal-pandemija għall-kura relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid peress li s-sistemi tas-saħħa jiffukaw fuq l-indirizzar tal-COVID-19, u jenfasizza li qed isiru bidliet inaċċettabbli fil-provvediment ta' kura marbuta mat-tqala u mat-twelid, li mhumiex ibbażati fuq evidenza xjentifika, linji gwida tad-WHO jew il-linji gwida tal-organizzazzjonijiet professjonali Ewropej rilevanti, u li dawn il-bidliet mhumiex proporzjonali għar-rispons meħtieġ għall-pandemija tal-COVID-19 ([27]); iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw riżorsi adegwati għal kura ta' kwalità relatata mal-maternità, mat-tqala u mat-twelid;

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw aċċess sħiħ għat-trattamenti tal-fertilità u għall-kura tal-fertilità matul il-pandemija tal-COVID-19 u jipprevjenu t-tfixkil fl-offerta ta' trattamenti tal-fertilità, li se jwassal biex inqas tfal jitwieldu minn trattamenti ta' riproduzzjoni megħjuna medikament u, bħala konsegwenza, jistgħu jċaħħdu lil ċerti persuni mid-dritt tagħhom li jippruvaw ikollhom tarbija;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-impatt ta' ċirkostanzi ta' emerġenza bħall-COVID-19 fuq kunsiderazzjonijiet tal-kura tas-saħħa speċifiċi għall-ġeneru, bħall-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE fir-rispons politiku tagħha relatat mas-saħħa; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma bbażati fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u, bħala tali, huma prijorità matul il-kriżi tas-saħħa attwali u lil hinn minnha, u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluż billi tappoġġa azzjonijiet mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, biex tiggarantixxi aċċess sħiħ għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, filwaqt li tqis ir-riżorsi bħall-FSE+ u l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;

Is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala l-pilastri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija u l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru

51. Jistieden lill-Istati Membri jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom fis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati billi jistinkaw biex jipproteġu, jirrispettaw u jissodisfaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem, speċifikament id-dritt għas-saħħa fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u jiggarantixxu firxa wiesgħa ta' servizzi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali disponibbli, aċċessibbli, ta' kwalità għolja u nondiskriminatorji għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni, bħal trattamenti għall-fertilità u għal mard ġenetiku bil-preservazzjoni tal-gameti, filwaqt li jiżguraw li l-prinċipju ta' nonretrogressjoni skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġi rrispettat, inkluż għal

([26]) Moreau, C., Shankar M., Glasier, A., et al., *Abortion regulation in Europe in the era of COVID-19: a spectrum of policy responses, BMJ Sexual & Reproductive Health*, 22 ta' Ottubru 2020, disponibbli fuq: https://srh.bmj.com/content/familyplanning/early/2021/02/22/bmjsrh-2020-200724.full.pdf

([27]) Human Rights in Childbirth, *Human Rights Violations in Pregnancy, Birth and postpartum during the COVID-19 Pandemic*, San Francisco, 6 ta' Mejju 2020, disponibbli fuq: http://humanrightsinchildbirth.org/wp-content/uploads/2020/05/Human-Rights-in-Childbirth-Pregnancy-Birth-and-Postpartum-During-COVID19-Report-May-2020.pdf

individwi li jkollhom jivvjaġġaw għal trattament, bħar-residenti ultraperiferiċi; jikkundanna kwalunkwe tentattiv biex jiġi limitat l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati permezz ta' liġijiet restrittivi; jafferma bil-qawwa li ċ-ċaħda tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ([28]);

52. Jistieden lill-Kunsill jistabbilixxi konfigurazzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li tlaqqa' flimkien lill-ministri u s-segretarji tal-Istat inkarigati mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, sabiex jistabbilixxu miżuri komuni u konkreti biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u biex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu diskussi fl-ogħla livell politiku;

53. Jenfasizza l-konsegwenzi tas-saħħa ta' ħsara kbira u diversi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li ntwera li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal konsegwenzi gravi għas-saħħa fiżika u mentali, inklużi disturbi ġinekoloġiċi u eżiti avversi tat-tqala; jitlob, għalhekk, li jkun hemm protezzjoni xierqa u riżorsi adegwati għall-vittmi tal-vjolenza domestika, b'żieda fir-riżorsi u azzjoni effettiva għal dak il-għan;

54. Jenfasizza li hemm għadd ta' rabtiet bejn il-prostituzzjoni u t-traffikar, u jirrikonoxxi li l-prostituzzjoni – kemm fl-UE kif ukoll madwar id-dinja – tħeġġeġ it-traffikar ta' nisa u minorenni vulnerabbli;

55. Jistieden lill-Kummissarju għad-Demokrazija u d-Demografija biex tieħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza u fuq id-drittijiet tal-bniedem biex tindirizza l-isfidi demografiċi fl-UE, filwaqt li tiżgura li kull resident tal-UE, inklużi dawk fl-iktar żoni remoti, bħal fir-reġjuni ultraperiferiċi, ikun jista' b'mod sħiħ igawdi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u biex tieħu nota partikolari ta' dawk li jistrumentalizzaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati sabiex jimminaw il-valuri tal-UE u d-demokrazija, u taffrontahom;

56. Jistieden lill-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tiffaċilita u tippromwovi l-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala parti vitali fil-kisba tad-dritt għas-saħħa, is-sikurezza u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; tissorvelja u tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-SDG 3, inkluża l-mira 3.7, fl-UE, bl-użu tal-qafas ta' indikaturi globali tan-NU; fi sħubija mal-Istati Membri, tiġbor data sistematika, komparabbli u diżaggregata u twettaq studji biex jitkejlu aħjar l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-saħħa u l-ħtiġijiet mhux issodisfati fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva fl-UE b'perspettiva intersezzjonali; tippromwovi l-informazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva; tappoġġa l-konverġenza' l fuq tal-istandards u l-politiki tal-kura tas-saħħa sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa fi ħdan u bejn l-Istati Membri u, fid-dawl tal-inklużjoni milqugħa tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-Programm l-UE għas-Saħħa, tappoġġa azzjonijiet mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati biex jinkiseb aċċess għas-servizzi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali permezz tal-programm; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-investiment fis-servizzi kollha, b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa, sabiex jingħata kontribut għall-indipendenza, l-ugwaljanza u l-emanċipazzjoni tan-nisa;

57. Jistieden lill-Kummissarju għall-Ugwaljanza tiffaċilita u tippromwovi l-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u tinkludihom fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ; tikkundanna bil-qawwa r-rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa u tiżviluppa miżuri konkreti biex tiġġildilha; tirrikonoxxi r-rabtiet intrinsiċi bejn it-twettiq tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u timmonitorja u tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-SDG 5, inkluża l-mira 5.6, fl-UE; tintegra l-ġeneru b'suċċess fil-politiki kollha tal-UE; tappoġġa l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; tiffaċilita u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati dwar l-aspetti tal-ġeneru fis-saħħa, inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; u tiffaċilita s-sinerġiji bejn l-Programm l-UE għas-Saħħa

([28]) OHCHR, Sensiela ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva u d-Drittijiet Relatati, disponibbli fuq: https://www.ohchr.org/Documents/Issues/Women/WRGS/SexualHealth/INFO_Abortion_WEB.pdf

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; jenfasizza li l-Programm l-UE għas-Saħħa għandu jintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iqis il-preġudizzju bejn il-ġeneri u jiżviluppa approċċ sensittiv għall-ġeneru għall-għarfien, l-iskrinjar, id-dijanjożi u t-trattament tal-mard; jenfasizza wkoll li kwalunkwe strateġija ta' ugwaljanza għandha tindirizza l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż rigressjoni u ksur tas-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa;

58. Jistieden lill-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali tirrispetta l-Konsensus Ewropew għall-Iżvilupp u l-SDGs, b'mod partikolari l-miri 3.7, 5.6 u 16, sabiex tiżgura li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jibqgħu prijorità għall-iżvilupp fl-attivitajiet u r-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE; jilqa' l-impenn favur il-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi III u jistieden lill-Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali tipproponi miżuri konkreti biex jintlaħaq dan l-objettiv; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lit-tneħħija tal-ostakli kollha għall-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-politika ta' żvilupp tagħha;

59. Jistieden lill-Kummissarju għall-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna jiżgura li l-Mibgħut Speċjali l-ġdid għal-Libertà tar-Reliġjon u t-Twemmin ikun iddedikat għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u b'hekk jirrispetta s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jkun iddedikat biex jaħdem b'mod konġunt biex jiggarantixxi d-dritt għas-saħħa għal kulħadd, fl-UE u globalment, mingħajr ebda diskriminazzjoni;

60. Jistieden lill-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet jitlob li tkun inkluża perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rispons ta' għajnuna umanitarja tal-UE u tal-Istati Membri, u perspettiva dwar s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, peress li l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva huwa ħtieġa bażika tal-persuni f'kuntesti umanitarji;

61. Jitlob l-eliminazzjoni immedjata ta' prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili u s-CEFM (żwieġ tat-tfal prekoċi u furzat); jisħaq fuq il-fatt li s-CEFM jirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem u spiss iwassal biex il-bniet isiru vulnerabbli għall-vjolenza, għad-diskriminazzjoni u għall-abbuż; jinsab estremament inkwetat bil-fatt li aktar minn 200 miljun mara u tifla fid-dinja kollha kienu mġiegħla jissottoponu ruħhom għall-mutilazzjoni ġenitali femminili u li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-ittardjar jew l-interruzzjoni tal-programmi ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni tal-komunitajiet fir-rigward tal-prattiki dannużi se jwasslu, fil-livell dinji, għal 2 miljun każ aktar ta' mutilazzjoni ġenitali femminili u 13-il miljun aktar ta' żwieġijiet ta' minuri matul id-deċennju li ġej meta mqabbla mal-istimi ta' qabel il-pandemija;

62. Jitlob li jkun hemm aċċess sħiħ għall-assistenza fiżika u psikoloġika minn persunal sensittiv u mħarreġ mil-lat interkulturali; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-UE jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul; jistieden lill-Kummissjoni teżamina s-sinerġiji bejn il-programmi interni u esterni tal-UE biex tiżgura approċċ koerenti u fit-tul bil-għan li titwaqqaf il-mutilazzjoni ġenitali femminili kemm fl-UE kif ukoll barra minnha; itenni, b'mod partikolari, l-appelli biex il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili jiġu integrati fl-oqsma ta' politika kollha, speċjalment fil-qasam tas-saħħa, tal-ażil, tal-edukazzjoni u tal-impjiegi, kif ukoll fil-kooperazzjoni u fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi terzi;

63. Ifakkar li xi bniet li jgħixu fit-territorju tal-UE huma suġġetti wkoll għar-riskju li jiġu sottoposti għal mutilazzjoni ġenitali femminili waqt li jkunu qed iżuru l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, prinċipalment matul iż-żjarat tal-familja; iqis li huwa importanti li l-Istati Membri kollha, inklużi l-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali, jaqsmu l-aħjar prattiki tagħhom relatati mal-protokolli li jipprevjenu l-mutilazzjoni ġenitali femminili fuq il-bniet li jivvjaġġaw lejn pajjiżi jew reġjuni li fihom il-mutilazzjoni ġenitali femminili hija prattika mifruxa; jistieden lill-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux dan biex jintroduċu leġiżlazzjoni kriminali speċifika dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili sabiex jitħarsu l-vittmi u tkun tista' ssir prosekuzzjoni aktar effikaċi ta' dan ir-reat meta jiġi kommess barra mit-territorji tagħhom;

64. Jistieden lill-Unjoni tappoġġa ċ-ċentri tas-saħħa u tal-ippjanar tal-familja fil-pajjiżi sħab biex ikunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni u jkissru t-tabujiet rigward il-mestrwazzjoni, is-sesswalità u l-prokreazzjoni bl-involviment sħiħ ukoll tal-ġuvintur fil-glieda kontra l-istereotipi u t-tabujiet; jisħaq fuq l-importanza li titjieb id-disponibbiltà ta' metodi kontraċettivi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment għat-tfajliet adolexxenti, li huma f'riskju akbar ta' kumplikazzjonijiet matul it-tqala; jafferma li n-nisa u l-bniet kollha għandhom id-dritt jagħmlu l-għażliet liberi u infurmati tagħhom fir-rigward tas-saħħa u tal-ħajja sesswali u riproduttiva tagħhom;

65. Jitlob li l-parteċipazzjoni ta' bniet u nisa fl-edukazzjoni tiġi żgurata, peress li hija għodda indispensabbli għall-emanċipazzjoni soċjali u ekonomika tan-nisa; jitlob li jiġi miġġieled l-assenteiżmu tal-bniet matul il-mestrwazzjonijiet tagħhom billi jittejbu l-faċilitajiet ta' iġjene mestrwali fl-iskejjel, b'mod partikolari s-servizzi "WASH", u billi tiġi miġġielda l-istigmatizzazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess għal infrastrutturi "WASH" adegwati fl-iskejjel biex tiġi żgurata s-saħħa sesswali u riproduttiva, kemm fir-rigward tal-kontraċezzjoni, tat-tqala, tat-twelid, tal-abort, tal-mard trażmess sesswalment jew tal-iġjene mestrwali;

66. Jitlob li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal tal-istrumenti ta' komunikazzjoni bħar-radju, it-televiżjoni u t-telefon iżda wkoll tal-istrumenti diġitali, inklużi n-networks soċjali u s-servizzi ta' messaġġi, biex jitjieb l-aċċess taż-żgħażagħ għall-edukazzjoni sesswali b'mod partikolari biex jitjieb l-għarfien tagħhom ta' mard trażmess sesswalment u tar-riskji relatati mat-tqala f'età prematura; iqis li dan se jeħtieġ attenzjoni biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fl-aċċess għas-servizzi diġitali kif ukoll il-fastidju online u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fuq l-internet;

67. Jappella biex il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP III) jagħti importanza akbar lill-qasam ta' politika tematiku tiegħu relatat mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati minħabba l-impatt enormi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq in-nisa u l-bniet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-promozzjoni tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u mas-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, kif ukoll li jiddeċiedi b'mod liberu u responsabbli dwarhom;

68. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jimpenjaw ruħhom għall-għanijiet tal-GAP III, b'mod partikolari dawk fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jħejju "pjanijiet ta' implimentazzjoni fil-livell ta' pajjiż" li jagħtu prijorità lis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, bl-applikazzjoni ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu u bl-inklużjoni ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ; jitlob lid-delegazzjonijiet tal-UE jagħtu prijorità lill-azzjonijiet relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-implimentazzjoni tagħhom tal-GAP III;

69. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament adegwat u mmirat tajjeb favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-politika tagħhom ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u fl-istrumenti ta' azzjoni esterna tagħhom, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jikkunsidraw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala prijorità fil-proċess ta' programmazzjoni tal-UE, inkluż fil-programmazzjoni konġunta;

70. Jenfasizza li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-politika dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma direttament involuti fid-difiża tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

71. Jemmen li jeħtieġ li l-UE tiffaċilita l-integrazzjoni tas-servizzi marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-istrateġiji u fil-politiki nazzjonali tas-saħħa pubblika tal-pajjiżi sħab; ifakkar bi tħassib li dawk li ma jarawx issodisfati l-bżonnijiet tagħhom f'termini ta' servizzi marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva huma speċjalment l-adolexxenti, il-persuni mhux miżżewġin, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabbiltà, il-membri tal-minoranzi u tal-gruppi minoritarji etniċi u l-foqra f'kuntesti urbani u rurali; jenfasizza li s-servizzi marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għandhom ikunu reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, ibbażati fuq id-drittijiet, ikunu adatti għaż-żgħażagħ u għad-dispożizzjoni ta' kulħadd, indipendentement mill-età, is-sess, l-identità tal-ġeneru, l-orjentament sesswali, ir-razza, il-klassi soċjali, ir-reliġjon, l-istat ċivili, ir-riżorsi ekonomiċi, l-oriġini nazzjonali jew soċjali jew id-diżabbiltajiet, anki fil-kuntest ta' kriżijiet umanitarji u waqt il-kunflitti u d-diżastri;

72. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni fis-servizzi marbuta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jużaw approċċ intersezzjonali biex jiżguraw li n-nisa u l-bniet (kemm transġeneru kif ukoll ċisġeneru), il-persuni mhux binarji, il-leżbjani u n-nisa bisesswali u intersesswali jgawdu minn aċċess indaqs għas-servizzi u għad-drittijiet relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva;

73. Ifakkar li n-nisa u l-bniet huma partikolarment esposti għar-riskju ta' stupru u vjolenza sesswali fir-reġjuni milquta minn kriżijiet, inkluż fil-kuntest ta' kunflitti, diżastri naturali u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima; jistieden lill-UE tintensifika l-ġlieda kontra l-użu tal-istupru bħala arma tal-gwerra u tiggarantixxi lill-vittmi aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

Il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021

74. Jistieden lill-Kummissjoni tikkundanna bil-qawwa r-rigress tad-drittijiet tan-nisa u tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u tuża l-kapaċità sħiħa tagħha biex issaħħaħ l-azzjonijiet tagħha biex tiġġieled kontriha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ politiku tagħhom għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-fornituri tal-kura tas-saħħa li jaħdmu biex javvanzaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi li huma atturi ewlenin għal soċjetajiet ugwali bejn il-ġeneri u fornituri kruċjali tas-servizzi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-informazzjoni, b'mod partikolari dawk li jaħdmu f'kuntesti diffiċili fl-Ewropa, u biex jimmonitorjaw u jallokaw appoġġ finanzjarju suffiċjenti b'mod kontinwu, permezz tal-programmi li għaddejjin bħall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;

75. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-istrumenti kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, inklużi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, l-FSE+ u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali;

76. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti fil-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, billi tibda bl-istabbiliment ta' Mibgħut Speċjali tal-UE dwar is-Saħħa Sesswali u Riproduttiva u d-drittijiet relatati u ż-żieda ta' kapitolu dedikat dwar "Is-sitwazzjoni attwali tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati" fir-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

o

o o

77. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.